A.L. 294 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) – B.Sc. (Nursing Studies Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħ]tija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) - B.Sc. (Nursing Studies Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) - B.Sc. (Nursing Studies Hons) – ippubblikati bħala Avviż Legali 104 ta' l-1992 li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2004 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

3. Wara s-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Il-kandidati li jsegwu l-qasam tal-mental health nursing għandhom joqogħdu għal karta fil-Community Mental Health Care minflok għall-karta fil-Primary Health Care."